**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 9 ta' Marzu, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Audin Vassallo Jeffries detentriċi tal-Karta tal-Identita` numru 488276M**

*Kumpilazzjoni Nru. 102/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Audin Vassallo Jeffries u ċioè talli:

> Bejn nhar it-12 ta' Ottubru, 2017, u xahrejn qabel din id-data, mill-fond Convenience Shop, Cospicua, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

1. B'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'ohra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' madwar tlett elef ewro (€3000), għad-detriment ta' **Andrew Attard**, u/jew **The Convenience Shop;**

2. Approprijat ruħha, billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuna oħra, min ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilha minħabba il-kariga u/jew servizz tagħha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;

3. Fl-istess zmien data lok u ċirkostanzi, kkommettit serq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' **Andrew Attard**, u/jew **The Convenience Shop**, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-persuna, u ħin.

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat li waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2018, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Semghet il-prosekuzzjoni tiddikjara li l-fatti specie ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehom fir-reat ta' approprijazzjoni indebita u li l-akkuzi l-ohra inghataw bhala akkuzi alternattivi ghat-tieni imputazzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tinsab akkuzata bihom l-imputata, il-fedina penali netta taghha, tal-ammissjoni bikrija taghha, tal-fatt li ferm qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri l-imputata kkumpensat *in toto* lill-parte civili, u tac-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 293, 294, 310(1)(b) u 337(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**